MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2011

Mandat Numru. 1825/2011/1

**Paul Mizzi**

**vs**

**David Borg u Maria Assunta nee Borg**

**Il-Qorti,**

Rat il-mandat de quo datat it-22 ta' Dicembru 2011 li permezz tieghu ir-rikorrenti talab il-hrug tal-mandat de quo kontra l-intimat fuq ukoll indikat biex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew b'xi mod jiddisponi kif hemm mitlub u milli jikkoncedi drittijiet reali u/jew personali, privileggi u/jew ipoteki fuq l-appartament, ("penthouse"), bil-bejt u bl-arja relattiva, internament immarkat numru hamsa (5), sitwat fil-hames (5) livell ta' blokk t'appartamenti bl-isem

ta’ “Mir Court”, Triq il-Merhba, il-Fgura, kif deskritt f’aktar dettal fl-istess rikors promotur;

Rat id-digriet preliminari taghha datat it-22 ta’ Dicembru, 2011, li permezz tieghu, wara li provizorjament laqghet it-talbiet tar-rikorrenti, appuntat l-istess rikors ghas-smiegh ghall-udjenza hemm indikata;

Rat ir-risposta tal-intimati datata t-28 ta’ Dicembru, 2011, li permezz taghha sintetikament wiegeb is-segwenti:

1. Illi il-meritu in dizamina jifforma parti mill-vertenza prezentement pendenti quddiem din il-qorti diversament preseduta;

2. Illi m’hemm l-ebda gustifikazzjoni biex il-mandat in dizamina jigi milqugh;

3. Illi ma hemm l-ebda pregudizzju irrimedjabbli fil-konfront tar-rikorrenti;

4. Illi l-partijiet jistghu facilment jitransigu;

5. Illi r-rimedju hawn imfittex hu wiehed estrem;

6. Illi r-rikors ghandu jigi michud ghaliex ir-rikorrenti naqas li jipprova li ha jkun irrimedjabbilment pregudikat;

Rat il-kazistika ndikata fl-istess risposta tal-intimat;

Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi r-rekwiziti essenzjali naxxenti mill-vertenza odjerna huma stabbiliti mill-artikolu 873 tal-Kap 12 li sintetikament ghall-hrug ta’ tali mandat jezigu s-segwenti:

1. Il-mandat hu mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrenti;
2. Illi r-rikorrenti jidher li prima facie ghandu dawn il-jeddijiet;

Ikkunsidrat:

Illi mill-espozizzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jirrizulta li dawk kienu nvoluti f'negozju indirett bejniethom fejn ir-rikorrenti sellef somma kospikwa ta' flus lil socjeta` partikolari li minn naha taghha, bil-kunsens tal-istess rikorrenti, ghaddiet din is-somma lill-intimat li kellu jiggestixxi diversi xoghlijiet bl-istess somma;

Illi meta l-intimat naqas jesegwixxi x-xoghlijiet li ghalihom kien responsabbli u beda l-gwaj gudizzjarju, irrizulta li l-istess intimat mhux f'pozizzjoni finanzjarja felici li jserrah ras ir-rikorrenti ghall-investiment tieghu;

Illi jirrizulta li l-"penthouse" in dizamina hu l-uniku sors adegwat li l-intimat jippossjedi li bih jista' jaghmel tajjeb ghall-ammont lilu mghoddi;

Illi ghalhekk, kemm –il darba l-intimat jitrasferixxi b'xi mod l-imsemmi "penthouse" il-pozizzjoni tar-rikorrenti tkun irrimedjabilment pregudikata ghaliex jispicca minghajr toroq ohra biex jigbor l-ammont finanzjarju minnu mghoddi kif fuq indikat;

Ghaldaqstant, tilqa' t-talba tar-rikorrenti, tohrog il-mandat t'inibizzjoni kif mitlub fil-konfront tal-intimati David u Maria Assunta Borg, bl-ispejjez.

______________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------